Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 223 :: DIĊEMBRU, 2014

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

*Il-President u l-Kumitat*
*tal-Grupp Letteratura Maltija*
*tal-Victoria jixtiequ lill-membri kollha u*
*l-familji tagħhom u lill-qarrejja tal-Folju tagħna*
*Milied Hieni u Qaddis u*
*Sena Ġdida*
*mimlija saħħa, risq, barka u sliem!*



## IL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI



**Il-Kumitat 2014-2015 (mix-xellug għal-lemin): Paul Vella, PRO; Rosemary Attard, Segretarja; Dr Victor Sammut, President; Marie Louise Anastasi, Viċi President; Ray Anastasi, Teżorier; Salvina Vella, Social Secretary.**

Nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, il-Grupp Letteratura Maltija Ink. (tal-Victoria) kellhom il-Laqgħa Ġenerali Annwali tagħhom, fil-Boardroom taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Sbatax-il membru tal-Grupp attendew għal din il-laqgħa.

Is-Segretarja, Rosemary Attard, qrat il-Minuti tal-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali. Wara, it-Teżorier, Raymond Anastasi qara r-rapport finanzjarju. Imbagħad kien imiss lill-President, Dr Victor Sammut biex jagħmel ir-rapport tiegħu fejn qalilna fuq l-attivitajiet tagħna ta' matul is-sena, fosthom iż-żjara ta' Adrian Grima fostna. Dr Sammut tkellem fuq il-folju tagħna u li dan jasal għand ħafna nies kemm fl-Awstralja, f'Malta u pajjiżi oħra madwar id-dinja. Irringrazzja lil Paul għal dan ix-xogħol kif ukoll lill-membru Rose Lofaro li tieħu ħsieb il-qara tal-provi. Huwa ħeġġeġ lill-membri biex jippruvaw iġibu membri ġodda fil-Grupp tagħna.

Rose Lofaro tkellmet f'isem il-membri kollha u rringrazzjat lill-membri tal-kumitat għax-xogħol tagħhom matul is-sena.

Minħabba li n-numru ta' nominazzjonijiet għall-Kumitat ġdid ma kienx akbar minn numru li kien hemm bżonn fil-Kumitat, ma kienx hemm bżonn ta' elezzjoni.

Il-Kumitat ġdid huwa l-istess kif kien qabel: President: Dr Victor Sammut; Viċi-President: Marie Louise Anastasi; Segretarja: Rosemary Attard; Teżorier: Ray Anastasi: PRO: Paul Vella; Social Secretary: Salvina Vella. Nominazzjoni waħda biss għal kull pożizzjoni waslet għand is-Segretarja u għalhekk dawk li ġew innominati, awtomatikament ġew eletti.

Nawguraw kull suċċess lill-Kumitat ġdid għas-sena li ġejja.

**Ritratt fuq il-lemin: il-membri li attendew għal-laqgħa.**



# MANWEL CASSAR JIRĊIEVI GRAD TA' MASTER OF ARTS



Manwel Cassar irċieva l-grad, datat il-15 ta' Settembru 2014, ta' *Master of Arts* għat-teżi tiegħu 'Mixed Hues on the Palette: Reflections of the Diasporic Artist Painting across two Landscapes'. Huwa għamel riċerka fuq l-esperjenzi tal-artisti Maltin-Awstraljani li jgħixu jew kienu jgħixu (issa rritornaw Malta) fl-Awstralja li, bir-rieda jew le, huma affettwati f'xogħolhom billi jaħdmu fuq żewġ pajsaġġi kulturali.
L-arti hija l-mezz ewlieni li biha l-artisti jinnegozjaw l-identitajiet tagħhom b'manjieri li jtennu jinnegozjaw, jiċċalengjaw u jiddefinixxu l-karatteristiċi uniċi li jagħmluhom dak li huma. Ir-riċerkatur ikkunċentra fuq x'jidhrilhom l-artisti nfushom dwar bosta fażijiet dibattuti mit-tijoristi soċjali u li għandhom x'jaqsmu mal-attitudnijiet tal-artisti u kif jinħassu fix-xogħlijiet ta' dawn, u kkunċentra wkoll fuq xogħlijiet partikulari bla ħtieġa tal-interpretazzjoni tal-artisti billi l-arti għandha l-ilsien viżwali tagħha nfisha.
Ir-riċerkatur bħala artist serju irrifletta wkoll fuq xogħlijietu f'similarita` jew kuntrast mal-artisti l-oħra. Fil-qofol ta' ħidmietu hemm kontenut li jħaddan emozzjonijiet komplessi, ġrajjiet persunali, il-metafora, in-nostalġija, id-dijaspora u xeħtiet globali.
L-istudju ta' Manwel tkixxef fatti li ma kinux studjati qabel.
Il-President, il-Kumitat u l-membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria jifirħu lil Manwel Cassar.

# *ONLY IN* ĦAL BIŻAR

Bi pjaċir inħabbru l-pubblikazzjoni b'differenza ta' Klabb Kotba Maltin: *Only in* Ħal Biżarr, il-ktieb satiriku miktub minn David Aloisio. L-awtur diġà ppubblika diversi xogħlijiet oħra ta' natura akkademika marbuta mal-istudju tal-Malti fl-iskejjel sekondarji u post-sekondarji, madankollu dan huwa l-ewwel xogħol letterarju tiegħu, miktub bl-iskop primarju li jiddeverti.




Fejn jinsab da' Ħal Biżarr?
Xi mkien fil-qalba tal-kampanja Maltija hemm ir-raħal pittoresk ta' Ħal Biżarr, raħal li mill-bogħod jidher pjuttost normali. Iżda jekk trabbi l-gazz u jfettillek tasal wasla sa Ħal Biżarr, x'aktarx li ssib xi jdarrsek jew x'jiġbidlek għajnejk. Il-ħajja f'Ħal Biżarr hija ċ-ċelebrazzjoni tal-kultura Maltija bil-qoħob kollha tagħha; il-Biżarrin huma nies tassew minn tagħna imma mġibithom hi kemxejn stramba ...
F'Ħal Biżarr, in-normali jsir stramb u l-istramb isir normali. Mhux għax niesu strambi; minn daqshekk Dominic u Connie Demontesin, Teddy t-*Tipsy*, Doris id-Dulur, Ġorġ il-Ħafi u sħabhom l-oħra, huma nies minn tagħna, mimlijin *joie de vivre* u b'saqajhom mal-art. Iżda meta jiġu biex iħabbtu wiċċhom mad-dinja ta' barra, jiġri l-mhux-mistenni...

# IL-BAĦRI - *(rumanz għat-tfal)*

**(Charles Casha. Disinji: Abi Daker. Produzzjoni:Klabb Kotba Maltin – 2014)**




Żaren ġie lura Malta wara snin twal ibaħħar fuq il-vapuri tal-merkantili. L-aħħar snin ta' ħajtu xtaq jgħaddihom fir-raħal fejn twieled u trabba. Ta' kuljum kien jaqsam it-triq mid-dar fejn kien jgħix m'oħtu Lora u jmur joqgħod fuq il-bank iħares lejn id-dgħajjes deħlin u ħerġin.
Darba waħda Żaren irrakkonta l-istorja u l-leġġenda dwar iċ-ċurkett tas-seba' sireni lil xi tfal tar-raħal, fosthom Anika u Brian. Għaddew is-snin u Żaren marad u ma baqax joħroġ mid-dar. Jum wieħed oħtu Lora qaltlu li Brian u Anika, issa żgħażagħ, kienu qegħdin joħorġu flimkien. Żaren wera x-xewqa li jkellimhom u qal lil oħtu biex tgħid lil omm Anika.
X'ried jgħidilhom Żaren?
F'dan ir-rumanz insibu l-avventura, il-fantasija u tagħrif dwar il-ħajja tal-baħħara. L-istorja u l-leġġenda taċ-ċurkett għandhom iżommu lill-qarrej sakemm tasal it-twist fl-aħħar parti tal-ktieb. Dan ir-rumanz kien għall-bejgħ fil-Festival tal-Ktieb li sar bejn it-12 u s-16 ta' Novembru f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.
*Grazzi lil Joe Borg, Segretarju tal-Akkademja tal-Malti ghal dan it-taghrif*


Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# EPISTOLI MID-DEŻERT

***Id-ditta Horizons b'antoloġija ġdida ta' Mario Azzopardi***




Għall-Festival tal-Ktieb ta' din is-sena, id-ditta Horizons ippubblikat antoloġija ġdida ta' Mario Azzopardi, *Epistoli mid-Deżert*, li ssegwi lill-poeta, dejjem provokattiv minkejja l-età tiegħu ta' sebgħin sena, iterraq f'mogħdijiet skabrużi, anki ta' taqlib interjuri.
Minkejja tiftix kważi ossessjonat, Azzopardi għadu ma sabx ekwilibriju u sens ta' appartenenza.
*Epistoli mid-Deżert*, imqassam f'diversi sezzjonijiet, minn soċjo-politiċi sa misterjużi u "mistiċi", hu interessanti wkoll għall-konsistenza tal-awtur fejn jidħol l-element tekniku. L-għodod ta' Azzopardi issa jkomplu jespandu l-limiti tal-istil, b'dinamika li tgħaqqad flimkien elementi teatrali ma' oħrajn ta' luċidità viżiva qawwija u immaġinazzjoni surreali.
Dan hu volum ieħor li jisfida l-fruntieri imposti minn kunċetti u forom letterarji "komdi". Hu wkoll volum li jkompli jimmarka safejn tista' titwassal il-letteratura Maltija fis-seklu XXI. Azzopardi jerġa' joħloq gallerija ta' veritajiet oġġettivi, daqqa vjolenti u daqqiet oħra irreverenti, li dejjem huma ffukati fuq direzzjonijiet alternattivi. Ir-riżultat joffri kanvas rari mqiegħed f'kuntest globali għal żmienna.

# FTIT DAWL għal Matul it-Triq.

Fl-okkażjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb bejn 12–16 ta' Novembru 2014, Pubblikazzjoni Preca tal-Blata l-Bajda għadhom kemm ippubblikaw ktieb ġdid ta' Stephen Zammit bl-isem "FTIT DAWL għal matul it-triq".
Stephen Zammit huwa membru ħabrieki tas-Soċjetà M.U.S.E.U.M. li jaħdem fil-missjonijiet tal-istess Soċjetà. Matul dawn l-aħħar għaxar snin Stephen kien jinsab fil-missjoni fil-Perù fejn għadu sal-lum. Kemm ilu fil-Perù, Stephen kellu sehem fil-pubblikazzjoni ta' kotba ta' katekiżmu għat-tfal u qaleb fl-Ispanjol u ppubblika diversi kotba ta' San Ġorġ Preca. "FTIT DAWL għal matul it-triq" fih ġabra ta' 34 riflessjoni msejsa fuq il-kitba ta' San Ġorġ Preca u xi awturi magħrufa oħra. Xi paġni fil-ktieb juru kwotazzjoni mseddqa bi stampa relatata li tgħin għar-riflessjoni.
Il-ktieb ikopri 200 paġna u għandu qoxra attraenti bil-kulur maħduma minn Warren Busuttil. Jinbiegħ bil-prezz ta' 8 ewro mil-Librerija Preca tal-Blata l-Bajda u minn ħwienet oħra ewlenin.
*Grazzi li Joe Borg, Segretarju tal-Akkademja tal-Malti għal dan it-tagħrif*

# IMUT LINO SPITERI



Lino Spiteri twieled Ħal Qormi fil-21 ta' Settembru 1938. Huwa studja fil-Liċeo ta' Malta, u fl-Universitá ta' Oxford, fejn iggradwa fil-Politika u l-Ekonomija.
Kien editur tal-Malta News (1967-68) u kien il-korrispondent lokali għal *The Guardian* u *The Observer.* Beda jikteb in-novelli minn kmieni, bl-ewwel waħda tiegħu – *Raġel Kburi* – lokata f'Wied il-Kbir, barra Ħal Qormi. Kiteb madwar 110 novelli, imsejsa f'realiżmu soċjali, b'madwar kwart minnhom ambjentati fil-qasam soċjo-politiku, 'il hinn mill-parteġġjaniżmu.
L-ewwel ġabra ta' novelli mit-tmienja li ppubblika bejn l-1968 u l-2005 (waħda minnhom fantasiji bl-Ingliż) kienet *Tad-Demm u l-Laħam* u stejjer oħra. Ippubblika wkoll *Ħala taż-Żgħożija u stejjer oħra* (1970). Iż-żewġ volumi dehru mill-ġdid bħala Anatomija (1978) u *Iż-Żewġt Iħbieb u stejjer oħra* (1979). L-iżjed ġabra għal qalbu jgħid li hi *Stejjer għal Valentina*, fejn l-awtur, jiċċelebra l-ferħ tiegħu li hu nannu billi jkellem lin-neputijiet tiegħu bi stejjer dwar il-ħajja. Spiteri ppubblika wkoll Il-*Ħalliel u stejjer oħra* (1981) u *Mal-Ħmura tas-Silla u stejjer oħra* (1993). L-aktar ġabra riċenti (2005) hi *Meta Jdellel il-Qamar*. Flimkien ma' pubblikazzjonijiet oħra Spiteri ħareġ ukoll tliet ġabriet ta' poeżija: *Stqarrija* (1978), *Jien Nimxi Waħdi* (1987) u *Għaliex ix-Xewk* (1998). Ir-rumanz soċjo-politiku, *Rivoluzzjoni, do Minore* jirreġistra l-ħasra u l-ħala tal-kwistjoni politiko-reliġjuża tas-sittinijiet, li għal Spiteri kienu l-ewwel fażi tal-karriera politika tiegħu. Huwa nħatar membru parlamentari ta' 23 sena, u dam mill-1962 sal-1966. Wara li mar jistudja barra, huwa mexxa l-Bank Ċentrali, reġa' tela' fil-Parlament fl-1981 u baqa' membru sa ma rtira mill-politika fl-1998. Tul il-21 sena li għamel fil-Parlament f'isem il-Partit Laburista kien ministru darbtejn, u serva b'kollox għal sitt snin. Bħala espert fil-qasam ekonomiku kien direttur fuq għadd ta' bordijiet.
Lino Spiteri kien kontributur fil-ġurnali b'kolonni regolari f'*The Times* u *The Sunday Times*, kif ukoll f'*Il-Ħelsien* (1962-66) u f'*It-Torċa* u *L-Orizzont*. Ħafna minn dawn l-artikli miktubin bejn l-1981 u l-1986 dehru fil-volum *Għalik. Jien u Għaddej fil-Politika – Ġabra ta' Memorji*, u *L-Onorevoli*, dehru fl-2007.
Lino Spiteri miet fl-14 ta' Novembru 2014.
*Grazzi li Joe Borg, Segretarju tal-Akkademna tal-Malti ghal dan it-tagħrif*

## *Ittri li nirċievu...*

Għażiż Paul, Prosit tassew u grazzi ħafna għall-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija li għoġbok tibgħatli. Dokument tassew sabiħ li għad jibqa' u jikber maż-żmien fil-valur. Inselli għalik ħafna.

***— Prof. Oliver Friggieri***

Għażiż Paul, Grazzi tal-ittra tiegħek. L-attività li ssir lil hemm minn Malta favur il-Malti hi dejjem ta' min ifaħħarha bil-bosta u jqawwi qalb min jidħol għal dan ix-xogħol - sewwa sew bħalma tagħmel inti flimkien ma' sħabek. Naturalment il-ħsieb jew ħolma ta' Mikiel Anton Vassalli dwar il-Malti ma tfissirx biss l-Ilsien, għax tinfirex fuq elf dettall ieħor, imma aħna nitkellmu dwar l-Ilsien għax ninxteħtu l-aktar fuq il-Letteratura Maltija. L-għan tal-Premju Frans Sammut hu biex aktar mill-ilsien biss, dak kollu li hu Malti u li jagħmilna li aħna, ngħożżuh. Ikun intlaħaq livell qawwi ta' qima lejn il-Malti jekk l-ilsien Malti jinfirex ukoll fil-banek, fil-ħwienet tax-xogħol u aktar u aktar f'postijiet fejn qajla mdorrijin bih. Min jaf jekk jirnexxilux il-Malti jsib ruħu aħjar f'dawn l-ambjenti 'l quddiem?
Tislijiet u saħħa dejjem.
Ħabibek

***— Paul P. Borg***

## IL-MARA TA' DLIELHA TWIL – *Ġorġ Peresso*

Ġorġ Peresso bi ktieb ieħor ma' Horizons... imma b'differenza

Bi stil poetiku u mistiku, realistiku u senswali, kritiku u analtiku, l-awtur iqiegħed quddiemna l-figura ta' Marija Madalena, li ż-żmien, il-leġġendi, l-għajdut, il-preġudizzji, u l-ispiritwalità niġġsu u żejnu skont iċ-ċirkustanzi.

Imma min kienet Marija ta' Magdala? X'rabta hemm, jekk hemm, ma' nisa oħra bħal Il-Midinba u Marija ta' Betanja? Kienet min kienet sewwa sew, nafu li kienet mara li ħafna ħabbet u ħafna kienet maħbuba. U fiha tiġbor kwalitajiet mill-isbaħ li Kristu sawwab fuq nisa li kienu qrib tiegħu. Nafu li Marija ta' Magdala, kienet min kienet, sfidat l-arroganza u l-għajb u qagħdet ma' Marija Omm Ġesù ħdejn is-salib. U ewlenija bakkret biex tfewwaħ il-ġisem tal-Imgħallem maħbub. U sabitu diġà mfewwaħ u mdawwal bis-sbuħija tas-Sema. U saret, kontra kull tradizzjoni Lhudija, ix-Xhud ewlenija tal-Qawmien. Marija ta' Magdala sfortunatament hi meqjusa l-aktar bħala protettriċi tal-prostituti. Hi aktar minn hekk. Hi l-Mara protettriċi ta' dawk li huma vittmi tal-prostituzzjoni tal-arroganza.

## QASIR IL-GĦOMOR — *Dun René Cilia u l-Poeżija Emerġenti*

Sentejn wara li Dun René Cilia ħalliena f'inċident nhar l-4 ta' Novembru, il-qraba ta' Dun René, b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università, se jkunu qed jippubblikaw Qasir il-Għomor, ġabra ta' madwar 50 poeżija ta' Dun René.




Fil-biċċa l-kbira tagħhom, il-poeżiji nkitbu fl-aħħar tliet snin ta' ħajtu, jiġifieri bejn l-etajiet ta' 24 u 27 sena. Żewġ poeżiji miktuba f'età ħafna iżgħar, meta l-poeta żagħżugħ kien għadu tifel fil-primarja, ġew inklużi fil-ġabra. Hemm ukoll għadd ta' tpinġijiet u tħażżiżiet bil-kulur ta' Dun René, li l-ispirtu tagħhom jikkumplimenta l-poeżiji stess. Dun René, minn Ħal Qormi iżda li kien qed jaqdi dmirijietu ta' saċerdot ġewwa ż-Żejtun, jibqa' magħruf għall-entużjażmu tiegħu fil-ħidma pastorali mal-qraba, mal-ħbieb, u ma' persuni oħra li ma kenux jafuh iżda ħtieġu l-għajnuna spiritwali u materjali. Minbarra l-ħidma tiegħu fl-oqsma taż-żgħażagħ u l-volontarjat, Dun René ħadem ħafna mal-persuni neqsin mis-smigħ, u kien attiv fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni diġitali. Kien ukoll attiv fi ċrieki kulturali. Wara l-ewwel esperjenza tiegħu ta' volontarjat fl-Etjopja mat-tfal morda bl-AIDS, kien qed jikkunsidra li jkollu esperjenzi oħra simili. L-impatt ta' din l-esperjenza fuqu tidher anki fil-kitbiet tiegħu. L-antoloġija fiha żewġ daħliet, waħda ta' Dr Bernard Micallef, il-Kap tad-Dipartiment tal-Malti, u oħra ta' Sr Bernadette Gafà, iz-zija ta' Dun René. L-ewwel daħla tippreżenta lil René bħala kittieb emerġenti, filwaqt li t-tieni tagħti ħjiel ġdid fuq il-ħajja personali tal-awtur. Fl-aħħar tal-ġabra hemm ukoll għadd ta' kitbiet ta' natura kritika dwar il-poeżiji, imħejjija mill-Professuri Arnold Cassola u Oliver Friggieri, Dr Adrian Grima, u Dr Immanuel Mifsud, ilkoll letturi tad-Dipartiment tal-Malti. Magħhom qed jidher ukoll artiklu tas-Sur Kit Azzopardi, student tal-istess Dipartiment. L-edituri huma Dr Bernard Micallef u s-Sur Kit Azzopardi.

Il-ktieb jinsab għall-bejgħ il-Librerija Preca, il-Blata l-Bajda (2122 2626), u St Joseph School, il-Blata l-Bajda (2123 7936).
*Grazzi li Joe Borg, Segretarju tal-Akkademja tal-Malti għal dan it-tagħrif*




## TRIFOLJU TA' LWIEN

***Ġabra ta' poeżiji mill-pinna ta' tliet poeti: Mario Attard, Patrick Sammut u Frank Zammit***

Sa mill-bidu taċ-ċiviltà miktuba l-Poeżija ilha tidher bħala kategorija tal-ispirtu tal-bniedem. Il-Poeżija hi parti min-natura umana qabel ma hi sempliċi forma ta' espressjoni tiegħu. Kemm bil-fomm u kemm bil-kitba dan il-ġeneru sar fenomenu ewlieni f'oqsma reliġjużi u kulturali ta' kull xeħta. Il-kontenuti ftit jew wisq baqgħu l-istess; huma sewwasew dawk it-temi, mudelli arketipiċi li jitilgħu fil-wiċċ mill-qiegħ fejn jinħażnu minn ġenerazzjoni għal oħra, bħala maħżen tal-memorja kollettiva, biex jagħtu forma lill-inesprimibbli. Kull epoka għandha x-xejriet partikolari biex jitfisser bil-kelma poetika kulma hu kostanti, residenti għal dejjem fir-ruħ tal-bniedem. L-isfida tal-bniedem minn żmien għal ieħor hi, mela, li jsib mezzi differenti kif jisħaq bil-modi moderni tiegħu kulma hu 'l fuq mil-liġijiet tat-tibdil storiku. F'dan l-isfond tista' tiftiehem is-sħubija bejn it-tliet poeti ta' din il-ġabra, Mario Attard, Patrick Sammut u Frank Zammit, it-tlieta wlied tipiċi tal-kultura ta' pajjiżhom, u t-tlieta interpreti tar-realtà bejn tmiem is-seklu għoxrin u s-seklu l-ġdid. F'dan id-dawl jista' jingħaraf il-karattru distintiv ta' kull wieħed waqt li tidher ukoll ir-rabta sostanzjali li sseħibhom flimkien, fi trio li għandu minn kor daqskemm għandu minn solisti. (Mid-Daħla tal-Prof. Oliver Friggieri) Ta' min jgħid li l-preżentazzjoni tal-ktieb ġiet afdata lil Hilary Spiteri -www.hilaryspiteri.com *(Grazzi lil Patrick Sammut għal dan it-tagħrif)*

## RUMANZ STORIKU ĠDID DWAR IL-GWERRA L-KBIRA

***. . . mill-pinna ta' JOSEPH VELLA***

Joseph Vella twieled fl-1967 u attenda l-Iskola Primarja tal-Istat, Raħal il-Ġdid; imbagħad il-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl, ir-Rabat. Studja fl-Università ta' Malta mnejn kiseb Grad ta' Baċellerat Ġenerali, Grad ta' Baċellerat bl-Unuri bit-teżi *L-ilsien Malti fil-Gazzetti tal-Emigranti Maltin tal-Eġittu*; u Maġisteru fl-Arti, permezz tat-teżi *Proposta għaż-Żamma u l-Iżvilupp tal-Vokabularju Tekniku f'Qasam Magħżul (Il-Ġeografija)*. Għallem il-Malti fi Skola Sekondarja tal-Istat, Santa Venera; fl-Iskola Post-Sekondarja Giovanni Curmi, in-Naxxar; u bħalissa huwa Lekċerer Anzjan fil-Kulleġġ Minuri Ġ.F. Abela, l-Imsida; fejn ħoloq u huwa l-koordintaur tal-'Klabb għall-Qari u l-Kitba bil-Malti', klabb li jħeġġeġ u jippromwovi l-qari u l-kitba fost l-istudenti. Huwa membru tal-Akkademja tal-Malti, tal-Għaqda tal-Malti Università, u tal-Geography Teachers Association (Malta). Xi poeżiji u novelli minn tiegħu ġew ippubblikati f'antoloġiji varji jew dehru f'ġurnali lokali, waqt li kitbiet oħra minn tiegħu nġiebu f'rivisti akkademiċi. Huwa koeditur ta' *Fjammi* (2004), antoloġija ta' novelli u poeżiji tal-istudenti li kien jgħallem il-GCHSS in-Naxxar; huwa l-awtur tal-ktieb Studju dwar il-*Monografija ta' Marija Grech Ganado* (2014), u r-rumanz storiku, *L-Eroj Li Ma Kienx* – Il-Ġrajja ta' Suldat Malti fil-Gwerra l-Kbira, xogħol li fost ħwejjeġ oħra jikkommemora għeluq l-ewwel ċentinarju tal-bidu tal-gwerra msemmija. Joseph Vella joqgħod Ħal Luqa; miżżewweġ lil Michelle, u missier Isaac u Daniel. *(Grazzi lil Patrick Sammut għal dan it-tagħrif)*

**Temenos** *– Il-ħaġar għadu ħabib ta' Charles Briffa (Horizons Publications, Malta, 2014)*:




Avventura ta' żmien bikri li twassalna nagħrfu lilna nfusna bħala ġens indipendenti li napprezzaw il-ħelsien tagħna. Fl-immaġinazzjoni tiegħu l-awtur jara l-Imnajdra tinbena u jara kif tgħix il-komunità li bniet dan it-tempju bikri. Minn din l-immaġinazzjoni tfaqqas storja mistħajla – kollha avventuri ta' għemil u ta' ħsieb li jagħmlu lill-protagonist u lill-protagonista eroj Maltin.
Il-ġrajja hija mżewqa b'ħafna azzjoni: • ħidma produttiva ta' komunità għaqlija • ġlied bejn il-protagonist u t-tirann • taqbida ma' monstri • trażżin ta' ambizzjoni żejda • imħabba onesta • hena żagħżugħa • xenqa bla rażan • vjaġġi fid-dinja ta' taħt •invenzjonijiet sempliċi.
Kollox juri mentalità bikrija li tinterpreta d-dinja ta' madwarha, imma fuq kollox din l-istorja ta' *Temenos* tagħtina l-valuri tradizzjonali tal-eroj Malti – il-bniedem ħieles bil-ħsieb attiv tiegħu.
Il-ġrajja titwassal b'Malti nattiv li jittaqqal bit-tifsir kulturali, għax il-ħsieb tal-awtur huwa li l-Malti Semitiku jaf jitħaddem għal skopijiet letterarji kkomplikati.

# THE TWO QUEENS AND THE MEGALITHIC TEMPLES

## *The Search for their Identity and Meaning. Paperback – October 28, 2014*

**by C R Sant (Author)**




In the early 1990's, a statuette was unearthed during archaeological excavations at an ancient pre-historical site in the Maltese Islands. It was a small but very enigmatic statuette, more that 6000 years old, representing two obese women and a small child. The symbolic nature of the statuette clearly indicated that it had a meaning. But most of all it was uncannily similar to another statuette of Cretan origins that was familiar to the author; an ivory statuette, some 4000 years old, which was found in Greece in 1943. When the two statuettes were compared both depicted two women, like twins, both with a small child. Both expressed great intimacy and the same inferred meaning that was unmistakable. The book is primarily the search for the identity of what the statuettes represented and the meaning behind it. The statuettes provide proof to an archaic culture that, for millennia, was common to the civilisations around the Mediterranean and deep in Europe and the Near East. The book also provides insight into the origins of many of the later myths and legends that also relate to the statuettes, from the classical world and elsewhere; also an insight into related old customs and folklore that are still practiced today.
*(Paperback: 166 pages; Publisher: CreateSpace Independent Publishing Platform (October 28, 2014); Language: English*
*ISBN-10: 1500530476 — ISBN-13: 978-1500530471*

Kmieni fl-1990, kienet inkixfet statwetta, fil-waqt li kienu qed isiru skavi arkeoloġiċi f'post pre-storiku antik fil-Gżejjer Maltin . Kienet statwetta żgħira iżda enigmatika ħafna , ta' aktar minn 6000 sena qedem , li tirrappreżenta żewġ nisa obeżi u tifel żgħir . In-natura simbolika tal- istatwetta indikat b'mod ċar li hija kellha tifsira . Iżda fuq kollox kienet simili ħafna ta' statwetta oħra ta' oriġini Kreta li kien jaf biha l-awtur; statwetta ta' l-avorju , qadima xi 4000 sena ,li nstabet fil-Greċja fl-1943. Meta ż-żewġ statwetti tqabblu, pinġew żewġ nisa , bħal tewmin , it-tnejn ma' tfal żgħar . It-tnejn juru intimità kbira u bla dubju bl-istess tifsira inferita. L-għan ewlieni tal-ktieb hija it-tfittxija għall-identità ta ' dak li l-istatwetti jirrappreżentaw u xi jfissru . L-istatwetti jipprovdu prova ta' kultura arkajka li, għal millenji , kienet komuni f'ċivilazzjonijiet madwar il-Mediterran, u fil-qalba ta' l-Ewropa u l-Lvant Qarib . Il-ktieb jipprovdi wkoll ħarsa lejn l-oriġini ta' ħafna mill-miti li ġew wara u leġġendi li jirrelataw ukoll għall-istatwetti , mid-dinja klassika u bnadi oħra; u anke ħarsa lejn drawwiet antiki relatati u folklor li għadhom jiġu pprattikati sal-lum .

# PREMJU FRANS SAMMUT

Nhar l-Erbgħa 12 ta' Novembru 2014 il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol nieda l-premjazzjoni tal-ewwel edizzjoni tal-Premju Frans Sammut. Dan il-premju, skont is-sit education.gov.mt, "hu maħsub biex l-użu tajjeb tal-lingwa Maltija jinfirex fil-ħidmiet li jwettqu l-entitajiet privati, l-istituzzjonijiet governattivi, il-mezzi tax-xandir u l-iskejjel kemm fil-komunikazzjoni verbali kif ukoll fil-komunikazzjoni bil-kitba."

Taqsima A:

- L-ewwel premju lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun
- It-tieni premju lill-Enemalta
- It-tielet premju lill-Għaqda tal-Malti (Università)

Taqsima B:

- L-ewwel premju lill-iskola sekondarja ta' Pembroke
- It-tieni premju lill-iskola primarja tas-Siġġiewi
- It-tielet premju lill-Kulleġġ Savio College



Il-premjijiet kienu mqassma f'żewġ kategoriji: kategorija A għall-Entitajiet u kategorija B għall-iskejjel. Il-ġurija, li kienet magħmulha mis-Sur Victor Laiviera, is-Sa Norma Saliba u s-Sur Paul P. Borg, ippremjat b'dan il-mod:
Qabel ingħataw il-premjijiet saret taħdita mis-Sur Paul P. Borg dwar il-għan tal-Premju Frans Sammut. Huwa saħaq fuq ir-rwol tal-lingwa fl-identità ta' ġensna. Wara inqara r-rapport tal-ġurija mis-Sur Victor Laiviera. Imbagħad sar diskors mis-Sur Evarist Bartolo, ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, li kellu konoxxenza twila mal-mibki Frans Sammut. Huwa spjega kif Frans Sammut kellu mħabba kbira għall-ilsien Malti kif ukoll imħabba kbira lejn il-lingwi l-oħra. Dawn iż-żewġ imħabbiet ma jeskludux lil xulxin.
Il-mara ta' Frans Sammut, Catherine, kif ukoll uliedu kienu preżenti għas-serata li saret fil-Phoenicia Hotel fil-Furjana.
Is-serata kienet ippreżentata mill-kantanta Corazon li kantat ukoll tliet kanzunetti minn tagħha.
***Il-Grupp Letteratura Maltija (Melbourne) kien irrappreżentat minn Emmanuel Attard Cassar.***

# 250 SENA MIT-TWELID TA' VASSALLI

Bħala Akkademja, ma stajniex inħallu dan l-anniversarju tal-250 sena mit-twelid ta' Vassalli jgħaddi bla ma nfakkruh. Ġiet organizzata konferenza u fiha xxandru sejbiet ġodda.

Din kienet fit-3 ta' Diċembru. Post: Dar l-Ewropa, Triq San Pawl, il-Belt. Ħin: 6pm.

Dr Giovanni Bonello: Il-bijografija tal-Avukat Giuseppe Pace, benefattur ta' Vassalli

Dr Mario Cassar: L-iskrutinju tal-kunjomijiet fil-Lexicon

Dr Robert Thake: Titlu inqas fil-biblijografija ta' Vassalli

Dr Charles Xuereb: Vassalli Pariġi fl-1807: kif kien jidher, fejn kien joqgħod

Il-konferenza infetħet minn Joseph P. Borg

U ingħalqet mill-Prof. Frans Ciappara
Ġiet imexxiha minn Dr George Farrugia

# TAĦDITA LINGWISTIKA — BAĦAR JAQSAM

Huwa magħruf li l-Għawdxin jitħaddtu differenti mill-Maltin. Fid-djaletti ta' Għawdex insibu ħafna kliem li l-Maltin ma jafuhx jew qatt ma semgħu bih. Pinuri, ħaxxem, xenxul, boqqiegħa, mejdina, smontor ... il-lista twila ġmielha. F'din it-taħdita Dr Michael Spagnol u s-Sur Keith Attard jippreżentaw ġabra mdaqqsa ta' differenzi lessikali fit-taħdit tal-Maltin u tal-Għawdxin, jispjegaw kif ġabruhom, u jiddiskutu l-esperiment li għamlu ma' grupp ta' kelliema żgħażagħ Maltin u Għawdxin. Fl-aħħar jippruvaw iwieġbu l-mistoqsija: Għaliex bejn il-kliem tal-Maltin u tal-Għawdxin hemm baħar jaqsam?

Din it-taħdita hija msejsa fuq l-istudju "Differenzi lessikali bejn il-Malti u l-Għawdxi" li jinsab f'Leħen il-Malti (għadd 33). L-attività qed tiġi organizzata mill-Għaqda tal-Malti – Università bl-għajnuna tal-GUG. Kulħadd huwa mistieden. Id-dħul huwa b'xejn u wara nixorbu xi ħaġa żgħira flimkien.

Id-data: 11 ta' Diċembru

Il-ħin: 5:00pm

Il-post: il-Common Room, l-Università

Aktar dettalji ssibuhom hawnhekk: www.facebook.com/events/339855069529921.

# Ostagg tat-tielet reich –
# FEY VON HASSELL – Traduzzjoni ta' TONY C CUTAJAR

OSTAĠĠ TAT-TIELET REICH huwa traduzzjoni minn Tony C. Cutajar tal-ktieb Hostage of the Third Reich written by Fey von Hassell. Hija storja kommoventi li turi l-kuraġġ ta' omm maqbuda min-Nazi u li damet ix-xhur tfittex 'l uliedha żgħar. Hija kienet bint l-ambaxxatur Ġermaniż fl-Italja, li kien imdaħħal fil-konfoffa biex jinqatel Hitler. Huwa ġie xkubettjat, u għalkemm Fey ma kellha x'taqsam xejn mal-konfoffa, hija kienet arrestata mill-SS u ġiet meħuda Innsbruck flimkien maż-żewġ uliedha ta' sentejn u tliet snin. Hemmhekk iż-żewġ subien ġew litteralment miġbudin minn djul ommhom u ma dehrux iżjed. Kien ħafna wara li sar magħruf li t-tfal bdew jissejħu l-aħwa Vorhof u kienu qed jiġu mħarrġa f'istitut Nazista fin-Nofsinhar tal-Awstrija.
F'perjodu ta' tmien xhur Fey ġiet meħuda minn kamp ta' konċentrament għal ieħor, dejjem tistenna li tiġi maqtula f'kull siegħa ta' kull ġurnata jew li tmut fl-attakki mill-ajru mill-Alleati. Hija kienet priġuniera tiġġerra minn hemm u minn hawn għal seba' xhur sħaħ u kultant ħassitha grata li tkun fil-ħabs. Fey von Hassell żammet ruħha kalma u b'mod dinjituż sempliċiment minħabba l-kwalitajiet li kellha. Hija tirrakkonta storja tal-biża' ta' kif kienet taħdem il-magna tal-mewt burokratika tal-SS. L-istorja kultant tkun ħelwa, kultant kommoventi, u dejjem turi li l-kuraġġ ta' din l-omm jagħmilha mara kbira ħafna. Kif salvat u rnexxielha ssib lil uliedha tagħmel din ġrajja eċċezzjonali.
Ostagg tat-Tielet Reich jinsab għall-bejgħ minn Horizons, BDL u mill-ħwienet tal-kotba.
*Grazzi li Joe Borg, Segretarju tal-Akkademja tal-Malti għal dan it-tagħrif*




# MAQFUL FIL-ĦABS TA' ĠBINI ...

• *Din hi l-ġrajja tal-poeta Carmel Attard li l-Letteratura Maltija għadha ma sabitlux in-niċċa li tixraqlu. Attard għadda ħajja mimlija tbatija mentali minħabba saħħtu, u minħabba stigma soċjali kiefra.*
• *Din hi l-ġrajja ta' bniedem-poeżija, ġwejjed u qalbieni, li ried jgħix hieni f'soċjetà li m'aċċettatux dejjem kif kien u fuq kollox ma ħallitux isib l-imħabba bl-għażliet intimi li ried jagħmel.*

F'din il-bijografija, il-ħabib tiegħu PAUL P. BORG jimxi miegħu sa mit-tfulija fil-bitħa tal-Mużew, u jikxef għall-ewwel darba l-umanità fid-dramm tal-ħajja f'Sant'Anton, f'tifel ta' tmien snin, fis-salott id-dar, fit-toroq tal-Qawra u ta' Ħal Balzan, fl-isptar Monte Carmeli...
PAUL P. BORG b'hekk juri kif sieħbu Carmel Attard, il-poeżija mhux kitibha, imma għexha b'intensità kbira. (*Grazzi li Joe Borg, Segretarju tal-Akkademja tal-Malti għal dan it-tagħrif.*)

**MHUX SE JKUN HEMM LAQGĦA TAX-XAHAR F'DIĊEMBRU**
**L-EWWEL LAQGĦA TAL-GRUPP TKUN**
**NHAR IL-ĠIMGĦA, 30 TA' JANNAR, 2015**